Minuti tal-ħamsin (50) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita nhar it-Tnejn 1 ta' Awissu 2011 fit-8.00am.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

Segretarju Eżekuttiv: Is-Sur Karl Vella

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

Is-Sindku spjega li din il-laqgħa t'urġenza ssejħet wara li l-Viċi Sindku talbu li ssir laqgħa sabiex jiġi diskuss il-ġemellaġġ li l-Kunsill qiegħed jipprova jagħmel mal-lokalita' ta' Zafferana Etnea. Ġie wkoll mdaħħal f'din l-agenda l-għoti tal-offerti.

## 2. ĠEMELLAĠĠ

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ta' Zafferana Etnea fi Sqallija kien stieden lill-Kunsill tagħna sabiex bejn l-10 u 14 t'Awissu nżuru l-lokalita' tagħhom. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv kien infurmah li l-Kunsill jrid jimxi ma' l-Avviż Legali 144 ta' l-2009 – Regolamenti ta' l-2009 dwar Kunsilli Lokali (Ġemellaġġi), fejn fost l-oħrajn hemm speċifikat li jrid jiġi sottomess rapport dwar il-ġemellaġġ lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu kien talab gwida lid-Direttur fejn hu nfurmah li r-rapport irid jiġi mgħoddi lid-Dipartiment qabel id-data tas-safra. Għaldaqstant peress li ma tantx kien għad fadal żmien, il-Kunsill qabel li din iż-żjara tiġi posposta. Is-Sindku ppropona li l-Viċi Sindku ppropona li hu jieħu ħsieb l-arranġamenti ta' dan il-ġemellaġġ. Il-membri tal-Kunsill qablu.

Il-Viċi Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li bħalissa f'Għawdex hawn is-Sur Corrado, il-persuna li hu qiegħed jagħmel kuntatt magħha sabiex jiġi ffurmat dan il-ġemellaġġ. Hu kompla billi qal li nhar


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

is-Sibt 6 t'Awissu, s-Sur Corrado ser jiftaħ eżibizzjoni fil-Banca Giuratale fir-Rabat, Għawdex, u hu ser jiltaqa' miegħu sabiex ikompli jiddiskuti l-arranġamenti għall-ġemellaġġ.

## 3. GĦOTI TA' OFFERTI

### 3.1 FONQ 03/2011: Tindif u Manutenzjoni ta' Lattrina Pubblika

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li s-Sur Joscar Camilleri, li kien qed jkompli jieħu ħsieb il-ftuħ u t-tindif tal-latrina, sakemm jiġi ffrimat kuntratt ġdid, fl-14 ta' Lulju nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setax ikompli jagħmel dan għal raġunijiet personali, għalhekk kellha tingħalaq għal xi ġranet sakemm id-Dipartiment għal Gvern Lokali wieġeb kjarifika fuq il-kuntratt. Bl-għeluq tal-latrina ġie nfurmat id-Dipartiment għal Gvern Lokali u s-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said. Wara xi jiem ingħatat risposta mid-Dipartiment, fejn infurmaw lill-Kunsill li "*Il-Kuntrattur li jirbaħ il-kuntratt irid jimxi skond il-kundizzjonijiet imniżżla f'l-Specific Conditions*". Fl-*Specific Conditions* hemm imniżżel li "*Upkeep' includes the maintenance, repair or replacement of all major and minor items and facilities listed in the current Condition Assessment Report to ensure that they are maintained in the condition described in the same report.*"

Mill-għada li ta' r-risposta d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-lattrina pubblika bdiet tiġi amministrata mill-Kunsill sakemm tingħata l-offerta. Għalhekk ġie mqabbad il-ħaddiem tal-Kunsill Joe Mercieca biex jieħu ħsieb li tinfetaħ u tingħalaq u li tiġi mnadfa. Għalhekk irid jingħatalu *Time Off* tax-xogħol li jsir wara l-ħinijiet tax-xogħol.

Għaldaqstant, is-Sindku kompla billi qal li permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2011, is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sur Nicholas Zammit, li kien tefgħa l-orħos offerta, jekk hu hux lest li jimxi mal-kundizzjonijiet imniżżla f'l-*Specific Conditions*. Hu ġie mogħti żmien sas-27 ta' Lulju biex iwieġeb, iżda baqa ma weġibx. Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Segretarju kellu jċempel lis-Sur Nicholas Zammit u lis-Sur Christopher Cutajar (li tefgħa t-tieni l-orħos offerta) u jgħidilhom biex jiġu għal-laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu ċemplilhom u s-Sur Zammit infurmah li ma kienx interessat li jiġi għal-laqgħa.

Hawnhekk il-Kunsill sejjaħ lill-Christopher Cutajar biex jidħol fil-kamra fejn hu ġie mitlub li jġib il-garanzija bankarja flimkien mall-*insurance* sabiex b'hekk ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt ta' tlett snin. Hu għandu jgħaddi dawn id-dokumenti lis-Segretarju Eżekuttiv.


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

**3.2 FONQ 04/2011: Twaqqigħ tal-bini eżistenti u kostruzzjoni tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku tal-Fontana**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport li pprepara l-Perit Gordon Vella rigward din l-offerta. Fir-rapport il-Perit innota li kull min tefgħa l-offerta kellu jipprovdi n-numru tal-liċenzja tal-bennej. Ġie wkoll innutat li J Portelli Projects, li kien tefgħa l-orħos offerta, kien ipprovda n-numru tat-*Trading Licence*. Għaldaqstant fuq parir tal-Perit, is-Segretarju Eżekuttiv bgħat ittra fejn huma ġew mitluba li jipprovdu l-liċenzja tal-bennej, iżda minkejja dan, J Portelli Projects ipprovdew t-*Trading Licence* biss. Il-Perit kompla li skond il-parir legali li ngħata l-Kunsill, il-liċenzja tal-bennej kien dokument neċessarju fl-evalwazzjoni tal-offerta, u għaldaqstant, peresss li dan ma ġiex provdut minn J Portelli Projects, hu ma setgħax jikkunsidra din l-offerta.

Il-Perit kompla billi qal li t-tieni l-orħos offerta kienet dik ta' Peter Paul Said (*Demolish and Excavation*) u Anthony Vella (*Masonry Work*). Hu kompla billi kkonferma li mil-lat tekniku din l-offerta hi sodisfaċenti. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li l-offerta għanda tingħat lil Peter Paul Said (*Demolish and Excavation*) u Anthony Vella (*Masonry Work*). Hawnhekk ġew insejħa jidħlu fil-kamra Peter Paul Said u Anthony Vella, fejn ġew infurmati li b'mod unanimu l-Kunsill qabel li l-offerta għanda tinagħata lilhom. Wara li Peter Paul Said u Anthony Vella telqu mill-kamra, il-Kunsillier Horace Micallef innota li f'*email* li kien bgħat il-Perit Gordon Vella, kien tqajjem il-punt li l-*insurance* sottomessa mal-offerta kienet biss f'isem Peter Paul Said. Għalhekk, is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex isejjaħ lil Peter Paul Said u Anthony Vella sabiex jidħlu fil-kamra. Peter Paul Said ikkonferma li l-*insurance* tiegħu tkopri wkoll lil Anthony Vella.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30am

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt